TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 11/2025**

Data: It-Tlieta, 29 t' April 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

### 11.1 Ittri ta' apoloġija

11.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Dasier Damato talab sabiex ikun skużat. Dan wara li s-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li l-Kunsillier kien bagħat lill-Kunsill li ser ikollu jkun imsiefer għal xhur twal minħabba problemi ta' saħħa fil-familja. Filwaqt li s-Sindku u l-kumplament tal-Kunsill awguraw fejqan ta' malajr lill-membru tal-familja Damato, is-Sindku wera li kien iddispjaċut li s-Sur Dasier Damato ma kienx ġie jkellmu sabiex jinfurmah personalment li ser ikun assenti għal tul ta' żmien imma bagħat biss ittra formali lis-Segretarja. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli tnizzlu skużati.

11.1.2 Għaldaqstant is-Sindku rrekomanda li fid-dawl li s-Sur Dasier Damato kien ser ikun assenti fit-tul, id-dekasteri li kienu assenjati lilu ma jitħallux fuq l-ixkaffa imma l-Kunsill xorta jibqa' jaħdem fuqhom. Is-Sindku propona li d-dekasteri tat-Tfal u Żgħażagħ kif ukoll Attivitajiet Fiżiċi għandhom jitħallew miftuħa fuq il-Kunsilliera kollha sabiex kulħadd ikun jista' jagħti sehmu bl-aħjar mod possibbli.

11.1.3 Kien hemm qbil li l-lezzjonijiet ta' Zumba jsiru Ġnien Ovindoli, jibdew f'nofs Ġunju u li jsiru mis-7pm sa 8pm. Is-Segretarju semmiet li hemm problema bil-ħinijiet peress li l-instructor magħżula mis-Sur Dasier Damato kienet tista' biss aktar kmieni. Wara diskussjoni kien hemm qbil li anki minħabba s-sħana jfittxu instructor ieħor li jista' jagħmel sessjonijiet fit-tard. Talbu wkoll sabiex is-Segretarja titkellem mal-ħaddiema sabiex tara jekk ikunx hemm min irid jidħol overtime sabiex jiġbor il-ħlasijiet qabel il-lezzjoni.

### 11.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 10

11.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.10 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

### 11.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 10

11.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sa. Nicole Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-14 ta' Marzu 2025 u t-28 t' April 2025 li kienet tammonta għal €102,591.29.

TARXIEN
Local Council

11.4 **Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 10**

| | |
|---|---|
| **11.4.1 Post vakant fi skala 17 – Gound Supervisor** | Wara l-intervisti li kienu saru aktar kmieni fil-ġurnata kif ukoll wara diskussjoni interna li saret, il-Kunsill iddeċieda li ser jirtira din il-vacancy u ser ikun qed joħroġ RFQ għas-servizz meħtieġ. Is-Segretarja semmiet li ser tkun qed tibgħat kopja tal-RFQ bl-ispeċifikazzjonijiet indikati sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jagħtu l-feedback tagħhom qabel din toħroġ għall-pubbliku.<br>Is-Sa. Darlene Vella proponiet li għandha tinxtara AED għal ħdejn il-ground. Il-Kunsill approva din il-proposta u kienu ser jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji. |
| **11.4.2 Bye-Law Leasing tal-Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li d-dokumenti kollha għaddew għand id-Diviżjoni sabiex jingħata feedback fuqhom. |
| **11.4.3 Pjazza Tarxien** | Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ikun mistieden għall-progress meetings ma' Infrastruttura Malta fejn jidħol l-implimentazzjoni tal-proġett tal-pjazza Tarxien.<br>Is-Sindku propona li ż-żona tal-pjazza tissemma Misraħ il-Parroċċa. Fuq proponiment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu fuq dan l-isem. Is-Segretarja kellha tibda kommunikazzjoni mal-entita' kkonċernata sabiex jinbidel dan l-isem. |
| **11.4.4 Enemalta** | Is-Sindku semma li kien fadal biċċa mit-triq xi ssir lejn Triq Santu Wistin. Semma wkoll li għal żmien il-festa ma joħorġux RWPs biex ma jaħbtux ma' l-għeluq tat-toroq tal-festi. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **11.4.5 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li r-rivista li jmiss ser issir lejn bidu ta' Ġunju u talbet il-kooperazzjoni ta' kulħadd sabiex jibgħatu l-punti ta' ħidma mill-aktar fiss possibbli. |
| **11.4.6 Easter Egg Hunt** | Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Dasier Damato u speċjalment lill-Viċi Sindku li ħadet l-inkarigu li tmexxi din l-attivita' u semma li kienet suċċess.<br>Is-Sindku propona li għal Ottubru ssir Festa Tfal u tingħaqad magħha attivita' sportiva. |
| **11.4.7 Anzjanita' Attiva** | Is-Sindku semma li l-attivitajiet qed ikunu organizzati tajjeb u l-attendenza qed tkun tajba ħafna. Semma li saru wkoll ħarġiet kulturali fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. |
| **11.4.8 Triq San Anard** | Is-Sindku semma li x-xogħolijiet f'din it-Triq kienu għadhom għaddejjin u fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju kien ser jingħata t-tarmak. Semma wkoll li Triq San Anard kienet ser tiġi one way kollha 'l fuq filwaqt li Triq Gużeppi Montebello tiġi one way kollha 'l isfel. |
| **11.4.9 Sfilata tal-Karnival** | Is-Sindku semma li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-Karnival 2026. Semma li din l-attivita' ser tkun simili għall-attivita' li saret fil-Karnival 2025. |
| **11.4.10 Facebook Page – Tarxien LC** | Is-Sindku talab li l-aċċess għall-paġna ta' Facebook jibqa' għalissa biss għand is-Segretarju kif ukoll il-Kunsilliera responsabbli mill-Komunikazzjoni. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **11.4.11 Taħriġ ta' Food Handling** | Is-Sindku semma li dan it-taħriġ kien sar u kien wieħed ta' suċċess. Huwa rringrazzja lill-Viċi Sindku. |
| **11.4.12 Intervisti għall-Post Vakant fi Skala 11** | Is-Sindku semma li l-impjegata kienet bdiet. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw ħarsa lejn xogħolijiet li hija qed tagħmel fosthom kitba ta' skema kif ukoll li għalissa qed taħdem mill-uffiċini tal-AKL u ser tkun qed tinżel fl-Uffiċju ta' Tarxien matul ix-xahar ta' Ġunju. Semmew ukoll li ser inkunu qed jixtru SAGE software peress li din trid tibda taħdem fuqu. |
| **11.4.13 Bankini** | Is-Sindku semma li l-press call mill-Ministru ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi ser issir ladarba it-triq tkun lesta. Semma li l-bankini fi Triq il-Frieres, Triq Lorenzoo Gonzi u Triq it-Tempji Neolitiċi ser isiru mill-Public Works Department. |
| **11.4.14 Framework Agreement – Public Works Department** | Is-Sindku semma li s-Sur Neil Portelli flimkien mal-Perit tal-Kunsill kienu qed jaħdmu fuq dan il-proġett u li ser ikunu qed isiru l-bankini madwar Joanne Garden. |
| **11.4.15 Statwa tal-Madonna tal-Lunzjata fi Triq Santa Marija** | Is-Sindku semma li l-istatwa ġiet restawrata u li kienet inawgurata nhar 25 ta' Marzu. Semma li minnkejja li kien hemm pjanat li jsir marċ sabiex jinawgura din l-istatwa dan kellu jitħassar minħabba l-maltemp. |

**TARXIEN**
**Local Council**

**11.4.16 Xogħolijiet Infrastruttura Malta**

Is-Sindku semma li kienet saret xi manutenzzjoni fuq l-bankini wara li kienu saru t-toroq minn Infrastruttura Malta u l-ispejjeż ta' din il-manutenzzjoni kienu intbagħtu lill-Infrastruttura Malta għall-rimborż.

**11.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.5.1 Is-Sindku semma li z-Zebra Crossing fi Triq Sqajjaq kienet ser tinxtegħel.

11.5.2 Is-Sindku semma li kien hemm komunikazzjoni minn Sports Malta sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu grupp ta' residenti sabiex jużaw il-pool f'ħin u ġurnata stabbilita minn Sports Malta stess. Is-Sur Glenn Urry kien ser jieħu ħsieb li jġib aktar dettalji.

11.5.3 Is-Sindku semma li jidher li l-iskema li saret ma' Notebook Centre għandha bżonn iktar promozzjoni għaliex għadu ħadd ma ġie l-kunsill biex jieħu s-servizz. Semma li forsi tajjeb li wieħed jerġgħa jirriklama s-servizz fir-revista ta' Ġunju.

11.5.4 Is-Sindku semma li kienet qed tiddaħħal applikazzjoni mill-Perit sabiex isir il-bażi tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu li ser titwaħħal fi Vjal Simmons.

11.5.5 Is-Sindku fakkar li hemm bżonn li l-Perit tikkonkludi l-permessi kollha neċessarji sabiex jitkompla r-restawr fuq il-bust ta' Mark Farrugia.

11.5.6 Is-Sindku semma li hemm bżonn li jibda l-manutenzzjoni fuq il-kumplament tal-ġonna tal-lokal. Is-Segretarju semmiet li għandu jkun hemm survey mill-Perit sabiex jidentifikaw x-xogħolijiet li jridu jsiru. Is-Sindku semma li hemm ħafna biċċiet ta' xogħolijiet u jidher li l-Perit tal-Kunsill diġa għandha ħafna xogħol li qed taħdem fuqu jew li għadu pendenti li dan jista' jwassal għal dewmien fl-implimentazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta li idealment ikun hemm aktar minn Perit wieħed li l-Kunsill jaħdem bih għal dawn il-proġetti. Is-Sindku semma li ħafna minn dawn il-proġetti ta' manutenzjoni ser isiru mill-inmates bi prezz ridott ta' €5,000. Is-Segretarju semmiet li hija talbet li l-quote jibgħatuha aktar speċifika imma kienet għadha ma semgħet xejn mingħandhom.

TARXIEN
Local Council

11.5.7 Is-Sindku staqsa lis-Sa. Nicole Farrugia minħabba tabelli li jridu jitwaħħlu f'ġonna pubbliċi u li jirrigwardjaw l-aċċess tal-annimali. Il-Kunsilliera responsabbli semmiet li l-Kunsill għandu jara x'tabelli jrid iwaħħal u jgħaddi kopja tagħhom għall-approvazzjoni tal-Ministeru ta' Drittijiet tal-Annimali.

11.5.8 Is-Sindku semma li l-applikazzjonijiet tal-iskemi tal-Kultura u tal-Milied kienu ser jiġu sottomessi dalwaqt. Semma li għall-iskema tal-Kultura kien qed jaħseb li jkun hemm Festa – il-Banda tal-Baned. Semma li din għandha tkun okkazzjoni u inizjattiva tajba sabiex jingħaqdu l-baned kollha mhux biss tal-lokal imma tal-lokalitajiet oħra wkoll. Semma li din is-sena Festa Ħelu ser tinbidel għall-Mixgħela tal-Milied fejn l-attivita' ser tkun simili għal dik ta' Festa Ħelu imma b'tema tal-Milied. Għaldaqstant l-isem kien ser jinbidel ukoll. Semma jekk hemm qbil l-applikazzjonijiet ser jiġu sottomessi fil-ġimgħat li ġejjin. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dak propost.

11.5.9 Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ikun qed jiġbor kwotazzjonijiet sabiex jiġu nstallati CCTV's fil-parkeġġ ta' ħdejn l-iskola. Dan peress li jidher li qed ikun hemm xi serq jew vandaliżmu u li l-Kunsill ma jixtieqx li r-residenti jiefqu jużaw dak il-parkeġġ matul il-lejl. Talab sabiex jinġabru kwotazzjonijiet għal dan is-servizz ġewwa Misraħ Agatha Barbara.

11.5.10 Is-Sur Glenn Urry reġa' semma li ħdejn Dar il-Kejka qed ikun hemm wisq dlam. Is-Sindku semma li kellu jiċċekja jekk il-bozza li hemm ma' Dar il-Kejka hux qiegħda tixgħel. Filkas jekk din qed tixgħel u xorta hemm id-dlam, irridu nsibu faċċata ta' dar li wieħed jaċċetta li jwaħħal bozza magħha. Semma li din hija problema kbira li minkejja li r-residenti jkunu jridu jixgħelu t-triq ħadd ma jkun irid il-bozza mal-faċċata.

11.5.11 Is-Sindku semma li l-bandli ta' Joanne Garden issa ser ikunu rranġati kollha fadal biss li jitbiddel madum imkisser. Semma li għal dan ix-xogħol hemm kwotazzjoni u li ser ikun qed jinbeda x-xogħol wara l-Festa. Semma li l-bandli għal tfal żgħar kienu tlestew ukoll.

TARXIEN
Local Council

11.5.12 Is-Sindku semma li hemm bżonn li fl-immedjat jinbeda xogħol ġewwa Misraħ Bulebel. Semma li hemm bżonn li jinbidlu l-bandli kif ukoll l-art ta' dan il-post pubbliku għax jidher li hemm il-periklu. Semma wkoll li huwa jipproponi li dan il-bandli għalissa jingħalaq għall-pubbliku.

11.5.13 Is-Sindku semma li għall-iskema tal-inklussivita' u l-aċċessibbilita' il-kunsill kien ser idaħħal l-applikazzjonijiet sabix isir rinovar totali tal-uffiċini amministrattivi. Semma li idelament issir relokazzjoni tal-uffiċini għal ġewwa l-Community Hall sakemm issir il-manutezzjoni u r-rinovazzjoni fit-totalita' tagħha. Din il-proposta kienet ikkonfermata mill-kumplament.

**11.6 Komunikazzjoni oħra.**

11.6.1 Is-Sur Glenn Urry semma li jixtieq li jaħdem iktar fuq l-isports fil-lokalita' u semma li ser ikun qed jara kif jista' juża anki spazji fit-triq sabiex ikun hemm tgħalliem ta' sports jew użu minn żgħażagħ u tfal li jridu jagħmlu attivitajiet sportivi.

11.6.2 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li kienet irċiviet proposta sabiex isiru korsijiet tal-kompjuter u għat-tfal. Hija tat ħarsa lejn il-prezzijiet offruti imma kienu wisq għoljin. Għaldaqsatnt kien hemm qbil li għandhom jaraw minn jista' joffri dawn is-servizzi forsi bi prezzijiet aktar raġonevoli.

11.6.3 Is-Sa. Darlene Vella talbet ukoll sabiex fix-xahar ta' Ġunju l-Kunsill jorganizza taħriġ fuq is-Saħħa u s-Sigurta'.

11.6.4 Is-Sa. Darlene Vella semmiet ukoll li tixtieq li għax-xhur li ġejjin ikun hemm kors fuq in-nutrizzjoni. Semmew li l-Kunsill jara jistax jagħmel kuntatt ma' Dar Kenn għall-Saħħtek.

11.6.5 Is-Sur Neil Portelli fakkar li idealment l-Kunsill jibgħat il-payslips permezz ta' email u mhux bil-posta. Semma li dan huwa aktar sostenibbli.

**TARXIEN**
Local Council

**11.7 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2025**

11.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2025.

11.7.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sur Glenn Urry, bi qbil unanimu l-Kunsill approva r-Rapport.

11.8 **Aġġornament**

11.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2025 fil-17:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**